MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 1564/2004/1

**Interior Finishes Supplies Ltd**

**vs**

**Ian Tabone**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Dicembru, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Awissu 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1122.87 (elf mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu) rapprezentatni prezz ta' merca mibjugha u kkonsenjata.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm1122.87) rapprezentanti prezz ta’ merca mibjugha bl-ingrossa u konsenjata mis-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 11 ta’ Lulju 2001 u bl-imghax kummercjali mis-7 ta’ Frar 2001 (data tal-fatturi) sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
1. Illi fl-ewwel lok is-socejta` attrici ghandha tindika x’inhi l-merca li bieghet u ikkonsenjat lill-konvenut halli l-konvenut jkun f’pozizzjoni li jidderigi ruhu b’mod shih f’din il-kawza. Ghalehekk il-konvenut qed jirriserva minn issa illi jaghmel eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz wara li ssir kjarifika.
2. Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta` attrici.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk permessi mill-ligi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-kaz in dezamina huwa xi ftit anormali fejn l-istess socjeta’ attrici ma kkomportatx ruhha ta’ veru negozjanta. In-negozju ma jigiex gestit b’dak il-mod. L-anqas pero’ negozjant bhal konvenut ma ghandhu jikkomporta ruhu f’dak il-mod. Ir-relazzjoni ta’ bejniethom kienet aktar wahda ta’ fiducja milli ta’ kummerc. Dana jirrizulta lit-Tribunal mis-segwenti kordinazzjonijiet.

1) Il-hbiberija ezistenti bejniethom.
2) L-ghajnuna li kkonceda l-konvenut “gratis et amore” meta siehbu d-direttur tas-socjeta attrici sab ruhu f’diffikultajiet.
3) L-assunzjoni tal-kirja tal-mahzen da parti tal-konvenut.
4) In-nuqqas tal-konvolgiment tal-inkwilina fit-terminazzjoni tal-kirja ezistenti.

Illi oltre minn hekk, it-Tribunal huwa tal-oppinjoni li meta l-konvenut ottjena l-garaxx, l-oggetti li baqa' fl-istess mahzen ma baqghux tas-socjeta' attrici izda saru tal-istess konvenut. Jekk il-konvenut kien fl-istess negozju, kif seta jzommulhu hemm. Kienu ghal bejgh u jekk is-socjeta' attrici waqfet minn negozju, min seta' jbieghhom jekk mhux il-konvenut. Taghmel sens l-allegazjoni ta' Simon Baldacchino Barthet li l-konvenut kellu jhallas a konvenjenza tieghu, u li kieku ma kienx hekk, ghaliex mela iffirma l-fattura datata 7/02/01 a Fol 10? Vera li l-attur a Fol 12 mhux iffirmata, pero saret fl-istess gurnata. Kif allega l-istess konvenut – ma xtarax kif solitu kien jixtri – izda ha "over" il-mahzen b' li kien hemm fih u jhallas meta jrid. Mhux qatt pero! It-Tribunal huwa perswaz li seta' jikkomunika mal-ex- siehbu, bl-invers il-konvenut gie kontattat.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' it-talbiet attrici u jikkundannah ihallas is-somma ta' Lm1122.87 bl-interessi u spejjes kif mitluba."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza u talab ir-revoka taghha b' aggravji li, b' mod generali, jikkonsistu f' kontestazzjoni ta' l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal. In partikolari, hu jissottometti li t-Tribunal ma dahalx fil-meritu jekk kienx hemm bejgh jew le, kellu jinsisti li tingieb l-ahjar prova u kellu jissodisfa ruhu ghallanqas fuq bazi ta' probabilitajiet. Fil-hsieb tieghu gjaladarba kienu jezistu zewg versjonijiet konfliggenti dan kellu jiffavorixxi lilu u mhux lis-socjeta` appellata;

Mill-kontenut ta' dawn l-aggravji huwa evidenti illi l-appellanti qed jirrikorri ghat-teoretika tal-provi u l-principji generali soliti adottati. Issa ma jista' qatt ikun kontestat, anke ghaliex din hi norma procedurali ben assodata (Artikolu 562, Kapitolu 12), illi kull pretendent ta' dritt f' gudizzju ghandu jipprova l-fatti kostitwenti l-bazi tal-pretensjoni tieghu. Principju dan li ghandu l-fondament tieghu fir-regola tradizzjonali "*onus probandi incumbit ei*

*qui dicit*". Regola din li tesprimi l-esigenza logika li tqieghed fuq spallejn minn jallega fatt favorevoli ghalih l-obbligu li jaghti prova adegwata ta' l-ezistenza ta' dak il-fatt. Naturalment tali regola generali taggrava kemm fuq l-attur ("*actori incumbit probatio*") kemm fuq il-konvenut meta dan igib il quddiem eccezzjoni jew difiza kontrapposta u intiza biex tikkontrasta l-pretiza ta' l-avversarju ("*reus in excipiendo fit actor*");

Irid jinghad ukoll illi mhuwiex insolitu li tribunal jew qorti jsibu ruhhom rinfaccjati b' zewg versjonijiet, anke dijametrikalment opposti, pero` kif jinsab osservat "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f' dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b' kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' '*in dubio pro reo*'" (**Vol. L P II p 440**), ossija, l-applikazzjoni tal-massima '*actore non probante reus absolvitur*'. Dik il-qorti jew tribunal ghandhom ifittxu, jezaminaw u jisiltu mill-provi dak is-sostenn u dik ic-certezza morali li taghmel il-versjoni l-wahda aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Dan anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi hekk generalment meqjus bhala sufficcjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Huwa biss fejn l-assjem tal-provi hu tali li l-versjonijiet huma hekk bilancjati li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli illi allura ma jibqax lecitu li l-gudikant jifforma opinjoni motivata fuq probabilitajiet u l-preponderanza. Ara "**Joseph Vicent Rausi -vs- Joseph Muscat**", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1992;

Premessi dawn il-principji, din il-Qorti ezaminat l-atti istruttorji biex tara jekk it-Tribunal kienx korrett meta accetta l-ispjegazzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici. Fil-fehma ponderata taghha tista' tghid li ma ssibx raguni biex tiddisturba l-apprezzament tat-Tribunal u anzi tahseb li l-konsiderazzjonijiet li fuqhom dak it-Tribunal argina l-hsieb tieghu huwa plawsibbli u, fl-ambitu limitat tal-provi prodotti, jikkostitwixxu motivazzjoni korretta;

Wiehed, imbaghad, ma ghandux jinsa illi l-principji u regoli fuq affermati jsofru limitazzjonijiet quddiem dak it-Tribunal in kwantu ghalih japplikaw disposizzjonijiet specjali. *Inter alia*, li "ghandu jitgharraf b' kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-kaz li jkun qed jitratta" (subinciz 2 (b) ta' l-Artikolu 9, Kapitolu 380). Kif jinsenja d-**Domat** "*une preuve est tout ce qui persuade l' esprit d' une verite`.*" Ara **Kollez. Vol. XXXVII P I p 525**.

Certament din il-Qorti mhix impressjonata bl-affermazzjoni ta' l-appellant illi ghax ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici kien traskurat fil-harsien ta' hwejgu, *ergo* il-ligi ma toffirlu ebda protezzjoni. Tali traskuragni, anke jekk tezisti, ma ggibx ghal daqshekk illi l-appellant kien estraneju ghall-merce li thalliet fil-garage li minnu hu kien qed jaghmel uzu wkoll. Fuq kollox m' ghandhiex tissarraf fi gwadann ghall-appelanti, b' diskapitu ghas-socjeta` appellata. Il-merce kienet taht il-kustodja u kontroll tal-konvenut u hu kellu jaghti rendikont taghha, bejgh jew mhux bejgh. Oggettivament, anke mill-portata tal-fatturi, it-Tribunal sab, fuq il-bazi tal-probabilitajiet, li kienet il-versjoni tas-socjeta` attrici li kellha tigi meqjusa bhala fededenja u korrispondenti ghall-verita`;

L-appellanti jipprova jiskredita` lix-xhud tas-socjeta` attrici tant li jiffonda l-appell tieghu fuq il-presunzjoni illi l-versjoni tieghu hi dik korretta. Fil-fehma ta' din il-Qorti pero` din is-sottomissjoni ta' l-appellant hi nieqsa minn konvinzjoni. Xejn ma jiswielu li hu jirrikorri ghal dawk il-principji in bazi ghad-dritt razzjonali probatorju biex isostni d-difiza tieghu meta, kif jirrizulta, it-Tribunal adopera b' mod konformi r-regola preskritta skond il-ligi li kkrejatu;

Fermi dawn l-osservazzjonijiet, isib fiz-zgur applikabilita` principju iehor ta' dritt, pacifikament akkolt f' bosta decizjonijiet. Dak, cjoe, li jsostni li "*la Corte d' Appello non*

*puo` immischiarsi, meno in casi eccezionali, nell' esercizio della discretiva della corte sulla produzione di prove*" (**Kollez. Vol. XXIV P I p 104**). Fil-kaz prezenti din il-Qorti ma ssibx li jokkorru cirkostanzi tali li jgeghluha tiskossa l-apprezzament li sar jew li jgeghluha tahseb illi jekk is-sentenza tigi konfermata din ser tohloq dik l-ingustizzja gravi li jsemmu s-sentenzi. Ara ad ezempju **Kollez. Vol. XXXII P I p 17** u "**Frans Galea -vs- Alfred Brincat**", Appell, 25 ta' Frar 2000.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata u b' hekk tichad l-appell interpost mill-konvenut kontra s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar moghtija fis-16 ta' Dicembru 2004. L-ispejjez gudizzjarji ta' din l-istanza jitbatew mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------